# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 21-15

**Data:** 10 ta' Awwissu 2015

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera

- Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata minħabba raġunijiet personali
- Sur Vincent Bongailas – Kunsillier ġie skużat minħabba raġunijiet personali
- Sur Pawlu Bongailas – Kunsillier ġie skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol

## MINUTI

### TALBA

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

### 1. QARI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Lulju 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Christopher Bruno

3. **<u>Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 20.15):</u>**

Il-Kunsilliera ma kellhom l-ebda punti ta diffikulta mis-seduta imsemmija hawn fuq.

4. **Korrispondenza:**

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar ittra minn kumpanija privata li dawn ta' l-aħħar urew ix xewqa illi jgħinuna intellaw attivita għal 'Mobility Week' li trid issir bħal kull sena f'Settembru.

Il-Kunsill kollu qabel illi minħabba iċ-ċirkostanzi tal-Kunsill f'dawn iż-żminijiet u minħabba l-attivita' kbira li ser issir f'Settembru mhux ser ikun possibli tinħadem attivita' oħra ġewwa il-Kalkara.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li irċeviet dwar possibiltajiet li jitwaħħlu siġar indiġeni maltin ġewwa il-Kalkara

Il-Kunsill qabel u issuġerixxa li dawn it-tip ta' siġar għandhom jiġu miżrugħa ġewwa Ġnien 'Nicole Zahra' kif ukoll ġewwa Gnien Ġenista Foundation jekk dejjem hu possibli.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill fuq attivita' li ser tkun qed tiġi 'mtella minn impjegat tal-Kunsill mhux f'isem il-Kunsill għal karita' aktar tard f'Settembru.

Dan l-impjegat talab l-awtorizzazzjoni tal- Kunsill biex iħabbat bieb bieb fil-lokalita' għat tqassim ta' xi flyers kif ukoll għal ġbir ta' fondi.

Il-Kunsill qabel unanimamnet illi ser ikun qiegħed jgħin lill dan l-impjegat kif jista biex l-attivita' tkun ta' suċċess.

4.4 Is-Seg. Eżek. spjegat illi biex il-Kunsill ikun jista joħroġ tender aktar il'quddiem għal kiri ta' van għal użu tax-xogħol tal-Kunsill, kif diġa kien ġie diskuss aktar kmieni din is-sena hemm proċedura twila.

Il-Kunsill reġa qabel illi l-van għandu jkun mikri u mhux mixtri.

Il-Kunsilliera ukoll emfażizzaw illi dan il-van m'għandux ikollu aċċess għalih kulħadd minħabba raġunijiet ovvji.

4.5 Is-Seg.Eżek qrat email li rċeviet minn naħa tal-I.P.S.L. fejn din kienet tgħid illi impjegat minn ta' l-I.P.S.L. stess irid jiġi trasferit minħabba il fatt illi bħala Kunsill żgħir għandna ammont kbir ta' ħaddiema ta' dan it-tip.

Il-Kunsill qabel unanimament u b'dispjaċir illi l-persuna li għandha titneħħa mill-Kunsill tal-Kalkara huwa is-Sur George Coleiro minħabba illi huwa kien l-aħħar persuna li daħal mill-ħaddiema kollha ta' l-I.P.S.L.

4.6 Is-Sindku qrat email b'ilment fuq it-tgeġwiġija li qed ikun hemm speċjalment fi tmiem il-ġimgħa ġewwa il-bajja ta' Rinella.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi dan l-ilment kif ukoll ammont ta' ilmenti oħra rigward l-istess kwistjoni kienu diġa intbgħatu minn naħa tagħha lill- awtoritajiet kompetenti.

4.7 l-Sindku għarrfet il-Kunsill dwar talba minn għand il-Kappillan tal-Kalkara biex tiġi iċċelebrata quddiesa ġewwa Triq Patri Mattew Sultana fit-12 ta' Settembru 2015, pero' din id-data kienet ser tinbidel minn naħa tal-Kappillan stess minħabba li f'dik l-istess data ser issir l-attivita' imsemija f'dawn il-minuti stess.

4.8 Is-Seg.Eżek spjegat email / dokument li intbgħat minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq ir-responsabbilta' fiskali. Hija spjegat u saħqet illi l-Kunsill tal-Kalkara mhux qiegħed fi stat li jonfoq il-flus f'attivitajiet li fil-verita il-konkorenza tan-nies tkun waħda fqira. Dawn l-attivitajiet barra mill-iskeda tad-dmirijiet tal-Kunsill għandhom isiru bi ġbir ta' 'sponsors'.

Il-Kunsill qabel illi in-nies iridu jaraw aktar xogħolijiet fit-toroq milli jintefqu flus f'attivitajiet.

4.9 Is-Seg.Eżek. qrat żewġ ilmenti minn għand l-istess residenta rigward:

Parkeġġ għal residenti biss fix-xatt tal-Kalkara fejn il-Kunsill kollu oġġezjona għal din ir- rikjesta'

Biex jitwaħħal bin fuq il- bankina f'post partikolari fix-Xatt fejn skond din ir-residenta ma kienx qed jinġabar l-iskart. Il-Kunsill oġġezzjona għal twaħħil ta' dan il-bin minħabba li kien ser jiġi ta' żgombru fuq il- bankina pero' talab formalment lill-Kuntrattur jieħu ħsieb din l-area għax dan ma kienx l-ewwel ilment.

4.10 Is-Sindku qrat email minn għand resident li joqgħod fi Triq Santa Liberata fejn dan qiegħed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex l-ilment tiegħu fuq l-istorbju ta' din it-Triq jiġi mgħoddi lill-Ministru Joe Mizzi formalment għal evalwazzjoni professjonali.

4.11 Is-Sindku uriet ritratti ta' skart mibgħutin minn residenta li toqgħod fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn din l-istess residenta qed titlob li titpoġġa skip f'din l-area.

Il-Kunsill qabel li titpoġġa skip bi prova f'din l-area minħabba li fl-imgħoddi kien hemm diġa waħda u r-residenti stess ma riduwiex viċin ir-residenzi privati tagħhom.

4.12 Is-Seg.Eżek. preżentat formalment l-approvazzjoni ta' Triq Rinella in-naħa tal-Bajja ta' Rinella, li ssir 'One Way' fuq prova sa Settembru wara li kienu ilhom jintbgħatu emails minn naħa tagħha kif ukoll diskussjonijiet informali mal-Ministru mill-Kunsilliera Maria Sultana fuq dan l-istess rigward.

4.13 l-Sindku għarrfet lill- Kunsill illi waslet l-approvazzjoni mill-Enemalta biex titwaħħal bozza fl-area tax-Xewkijja wara rikjesta li kienet ġiet diskussa aktar kmieni din is-sena f'laqgħa tal-Kunsill minn għand il-Kalkara Boċċi Klabb.

Il-Kunsill qabel unanimament biex tinġieb kwotazzjoni għal din il-bozza minhabba li din l-area taqa' taħt il-Kunsill.

4.14 Is-Seg.Eżek. ressqet email b'suġġeriment / rikjesta minn għand persuna illi xtaqet jimplementa proġett ġewwa Ġnien is- Salvatur ta' Arti Moderna kif ukoll tinkorpora l-Għaqdiet tal-Festa kif ukoll artisti fil-lokal għal għajnuna fid-disinn ta' dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel unanimament illi minħabba illi dan il- Ġnien huwa inkorporat mal-proġett kapitali illi ser ikun qed japplika għal fondi il-Kunsill stess kif jinħarġu mhuwiex possibli illi proġett imressaq ta' din il-persuna iseħħ.

**5.Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill dwar ittra ta' ringrazzjament dwar il-Festa tal-Lokal 2015 minn naħa tal-Banda Sagra Familja.

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ilment minn għand resident dwar ċaqliq ta' stejġ jew stejġ ġdid in-naħa ta' Santu Rokku.

Il-Kunsill qabel illi din ir-rikjesta għandna tintbgħat lill-Transport Malta kif suppost għal kummenti / gwida minn naħa tagħhom.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar talba minn għand resident biex jiżdiedu tabella ta' vleġġeg ma' tabelli tan-'No Parking' li twaħħlu ġewwa Triq il-Barklori biex b'hekk tkun aktar ċara fejn ma jistgħux jipparkjaw il-karozzi.

5.4 Is-Sindku infurmat lill- Kunsill dwar premju li rebaħ il-Kunsill stess fuq ammont ta' skart tal- ħġieġ ġewwa il-lokal mill-Kumpanija 'Green Pak'.

Il-Kunsill ġie mgħoti Elf Ewro kif ukoll trofew .

5.5 Is-Sindlu spjegat dwar il-loġistika li kienet qed tiġi preparata minnha stess kif ukoll bl-għajnuna ta' l-istaff tal- Kunsill stess dwar l-attivita' li ser issir f'Settembru b'risq il-karita.

Is-Sindku spjegat il-punti li ġejjin fid-dettal matul il-laqgħa:

- l-attivita' ser issir kollha bi flus li ġabret minn sponsors
- Sea Cadets ser ikunu qegħdin jgħinu matul din l-attivita' fid- distribuzzjoni ta' leaflets kif ukoll fil-ġbir ta' donazzjonijiet
- il-Kunsill taż-Żgħażagħ tal-lokal ser ikun qed jgħati risposta lis-Sindku aktar tard dwar kif huma ukoll ser ikunu qegħdin jgħinu matul din l-attivita'.
- ser jiġu ukoll inklużi l-artisti tal-lokal
- permessi għal ikel u xorb mhux ser ikunu qegħdin jinħarġu mill- Kunsill fid-data tal- kunċert biex b'hekk il-ħwienet tal-lokal jiġu esposti

**6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA**

6.1 ***Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti***

a. Is-Sur Chris Bruno talab lill-Kunsill biex jitwaħħlu stickers fuq kull skip madwar il-Kalkara fejn tindika biċ-ċar illi għal rimi ta' skart goff wieħed għandu jċempel lill-Kunsill.
b. Is-Sur Chris Bruno talab illi tiġi irranġata il-kantuniera tal-bankina ġewwa Triq Patri Mattew Sultana (il-parti id-dejqa ta' din it-triq) minħabba li ġiet imkissra minn trakkijiet / vetturi kbar illi jgħaddu minn din l-area u jkollhom jitilgħu il-bankina biex ikunu jistgħu idawwru minħabba id-diffikulta li qed isibu għal raġunijiet ta' djuq fl-istess Triq.

6.2 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana***

- Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. tiffissa laqgħa informali mall-Kunsill kollu rigward Jum il-Kalkara 2015, kif ukoll għarrfet lill-Kunsill biex noqgħodu attenti mid-dati tal-attivitajiet li ser isiru abbinati ma' Jum il-Kalkara ta' din is-sena minħabba li l-MCST ser ikun qed jagħmel 'Official Openening' fix-xahar ta' Diċembu ukoll biex b'hekk ma jkunx hemm kunflitt ta' attivitajiet.

- Is-Sinjura Sultana talbet il-Kunsill ineħħi il-pots li hemm ġewwa Triq Santa Filomena minħabba li la darba is-siġar li kienu miżrugħa huma mejtin dawn qegħdin hemm hekk biex ikerrħu l-ambjent.

- Is-Sinjura Sultana talbet lill-Kunsill biex isir rapport il-kuntrattur li jiġbor l-iskart biex jieħu ħsieb li jaħsel l-iskips aktar frekwenti kif ukoll ikomplu jinbidlu l-iskips l-antiki u li huma imkissrin.

- Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. tagħmel rapport formali lill-'Water Services' fuq ilma li ilu ħiereġ minn taħt l-art mill-garaxxijiet li hemm ġewwa Triq Gianni Raimondo ( faċċata tas-substation tad-dawl ġewwa l-istess Triq imsemmija)

- Is-Sinjura Sultana għaddiet ilment dwar il-fatt illi ħanut partikulari ix-Xatt m'għandux ċavetta tal-iskip tal-karti ġewwa ix-Xatt stess.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi bħalissa iċ-ċavetta ma hemmx bżonn għaliex l-iskip m'għadiex għandha katnazz. Wieħed jista juża bla ebda bżonn ta' ċavetta.

- Is-Sinjura Sultana staqsiet meta ser jiġu imnaddfa il-'Culverts' madwar il-Kalkara minħabba li dalwaqt jiġi l-istaġun tax-xitwa.

Is-Seg.Eżek spjegat illi din is-sitwazzjoni diġa tkellmitha mal-kuntrattur li is-soltu inaddaf il-'culverts' bħal kull sena biex isir ix-xogħol ta' tindif fil-bidu ta' Settembru 2015.

- Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. tagħmel rapport formali fuq it-taraġ ġewwa Triq Santa Filomena lill- kuntrattur li kien qiegħed jaħdem fl-iskola kisser b'nuqqas ta' attenzjoni.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis 10 ta' Settembru 2015 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop** **Elaine Caruana**
**Sindku** **Seg.Eżek.**